

# Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2024





# 1913: Inkwiet bejn il-Kappillan Barbara u l-Prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp

**Kitba ta' Rev. Dr Jonathan Farrugia ©**

**Daħla**

Mill-ħafna studji li saru dwar l-istorja tal-Fratellanza ta' San Ġużepp f'dawn l-aħħar snin, l-istampa li toħroġ dwar ir-rapport li kien hemm bejn il-Fratellanza u l-fundatur tagħha hija waħda pożittiva mmens, kważi idillika. Jekk nagħmel referenza biss għaż-żewġ artikli[1] li ktibt jien fir-rigward u li ġew ippubblikati f'dan il-ktieb fis-snin 2011 u 2023, dan diġà jidher ċar ħafna. Fl-ewwel wieħed, li jikkonċerna ġrajja tal-1878, toħroġ ċara l-paternità ta' Barbara fuq il-Fratellanza ta' San Ġużepp peress li kien hu li waqqafha u kien ukoll l-ewwel prokuratur tagħha. Fit-tieni wieħed, imfassal fuq ġrajja tal-1891, joħorġu ċari l-imħabba reċiproka li kien hemm bejn il-Kappillan u l-membri tal-Fratellanza, meta, wara li ssejjħet inkjesta fuq l-infiq tal-Kappillan, sar inventarju dettaljat tal-oġġetti tal-Fratellanza u min għamilhom, u minn dak li hemm miktub m'hemm l-ebda dubju li Barbara kien l-akbar benefattur tal-istess Fratellanza, ħaġa li rebbħitlu l-istima tal-membri li lkoll qabżu għalih fit-testimonjanzi li taw favurih quddiem il-kanċillier tal-Kurja. Apparti minn hekk, studji oħrajn juru kemm ir-rabta bejn il-Fundatur u l-Fratellanza kienet waħda soda u leali; biżżejjed insemmu numru ta' studji li saru minn Angelo Schembri,[2] speċjalment dwar l-okkorrenzi li fihom kien imdaħħal Barbara, kif ukoll studji oħra ta' Dr Simon Mercieca[3] u Dr Charles Farrugia.[4]



*Spiridione Bartolo u bintu Manann, f'ritratt li qed jidher għall-ewwel darba wara snin sħaħ ta' riċerka biex tinstab xbieha ta' dan l-eks President tas-Soċjetà u eks Prokuratur tal-Fratellanza (Ħajr lis-Sinjura Josette Attard Hussey).*

Iżda r-realtà jidher li ma kinetx daqshekk ward u żahar, jew almenu, mhux dejjem. Is-sena 1913 tibqa' mmarkata fl-istorja – li s'issa donnha kienet minsija jew li nżammet moħbija sa minn dak iż-żmien – meta nħoloq il-ġlied bejn Barbara u l-Prokuraturi tal-Fratellanza… u kif ngħidu bl-Ingliż: *best friends make best enemies*, kif se naraw mid-dokumenti ġodda li se jiġu ppubblikati għall-ewwel darba din is-sena.

**Spiridione Bartolo u l-familja tiegħu**

Persuna prominenti ħafna f'Ħal Kirkop fl-ewwel deċennji tas-Seklu Għoxrin u, li mid-dokumentazzjoni li se nippubblikaw din is-sena, jidher li kien protagonist fl-argument mal-Kappillan, kien Spiridione Bartolo, li twieled Ħaż-Żebbuġ minn Ġwanni Bartolo u Maria Sant nhar is-6 ta' Jannar 1869 u tgħammed l-għada mill-Viċi Arċipriet Dun Ġużepp Cachia fejn ingħata l-ismijiet ta' Spiridione, Philippus u Salvator; il-parrini kienu Filippu Ebejer iben Anton, u martu Katarina, it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ.[5] Jekk l-informazzjoni miġbura mill-Arkivju Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ





*It-Tabib Giuseppe, Abramo u Felice; tlieta minn ulied Spiru Bartolo.*

hija tajba, il-familja Bartolo kienet toqgħod fid-dar numru 3 fl-Isqaq Nru 5 ta' Strada Reale.[6] Jidher li kellu mill-inqas tliet aħwa: Ġużeppi, li kien għadu jgħix ma' ommu armla f'Ħaż-Żebbuġ sal-1889 meta kellu 23 sena, Karmenu u Anġla. Minn informazzjoni li nstabet fis-sit dwar il-ġenealoġiji tal-familji Maltin, nafu li din il-familja kienet ta' nisel nobbli ġejja mill-Għarab ta' Sqallija u li l-ewwel wieħed dokumentat f'Malta huwa Bartolu bin Ħasan Samsam li twieled lejn is-sena 1270;[7] Spiridione kien dixxendent tiegħu u għaldaqstant wiret ukoll it-titlu nobiljari. Fid-dokumetazzjoni li għandna apparti din il-ġenealoġija, imkien ma jissemma li hu nobbli, probabbilment għax il-familja kienet fost dawk li tilfu t-titlu fi żmien il-Franċiżi.[8] L-uniku ħjiel tanġibbli li fadlilna dwar in-nisel nobbli tiegħu jista' jkun il-laqam tal-familja "tal-Kortiġġjan" li milli nistgħu nifhmu kien ta' missier Spiridione u li hu ġabu miegħu minn Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt, meta jissemma fl-okkorrenzi tal-bidu tas-Seklu Għoxrin, dan huwa l-laqam li dejjem tniżżel ma' ismu. It-terminu "kortiġġjan" jirreferi għal xi ħadd li kien midħla tal-*corte del re* (kemm tar-re ta' Sqallija minnfejn ġie l-ewwel Bartolu, kif ukoll tal-Granmastru, li kien is-Sultan ta' Malta), u għaldaqstant dan il-laqam jista' jkun li baqa' mal-familja bħala tifkira tal-passat illustri li kellha. Id-dettall li l-familja, almenu sakemm twieled Spiridione, kienet toqgħod Ħaż-Żebbuġ ukoll tista' tkun indikazzjoni: Ħaż-Żebbuġ ma kienx raħal sempliċi bħall-oħrajn, imma kellu kummerċ qawwi tal-qoton li wassal biex ħafna familji residenti hemm, stagħnew u setgħu jibnu palazzi mill-isbaħ u jagħnu l-knisja b'fided li nsibu bħalhom biss fl-ibliet. Jekk il-familja Bartolo kienet waħda minn dawn li stagħnew – u jekk verament kienu joqogħdu fi Strada Reale, dan jista' jkun ħjiel ieħor ta' kemm dan kollu huwa veru – ma niskantawx li kellhom proprjetà f'lokalitajiet oħra, bħal Ħal Kirkop, u dan ukoll fil-pjazza tar-raħal – Piazza Maggiore – li minn isimha tagħtina l-impressjoni li kienet il-post fejn jgħixu s-sinjuri.

Sakemm kellu għoxrin sena, Spiridione kien telaq minn Ħaż-Żebbuġ u mar jgħix Ħal Kirkop flimkien ma' almenu tnejn oħra minn ħutu, Karmenu u Anġla;[9] ir-raġuni għala telqu waqt li ommhom u ħuhom Ġużeppi baqgħu Ħaż-Żebbuġ mhix magħrufa. Huwa biss fil-kuntest Koppi li Spiridione huwa magħruf bħala "tal-Bombli"; l-ipoteżi tiegħi hija li kien f'Ħal Kirkop li ngħata dan il-laqam, forsi minħabba xi ħaġa marbuta ma' xi xogħol li kien jagħmel. Dan jista' jkun li huwa il-mod ta' kif in-nies tar-raħal urew li qed jilqgħuh u jistħajluh wieħed minnhom, raħħal bħalhom, u mhux aktar bħala l-barrani tal-flus li ġie minn barra r-raħal.

Meta kien resident f'Ħal Kirkop iltaqa' ma' Maria Antonia Ellul, Imqabbija, li kienet twieldet fl-4 ta'


Die 7. Januarij 1869.
Bartolo. Adm Revdus Dnus D. Joseph Cachia Vicarius baptizavit infantem heri natam ex Joanne Bartolo et Maria [illegible] conjugibus, cui nomen impositum est, Spirydion, Philippus, Salvator. Susceptores fuere Philippus Ebejer filius Antonii, et Catharina ejus uxor ex hac Civitate Rohan.

***In-notifika tal-magħmudija ta' Spiridione Bartolo.***

Settembru 1867 minn Feliċ Ellul u Anna Mifsud.[10] Din tgħammdet il-għada minn Dun Ġużepp Galea u ngħatat l-ismijiet Maria Antonia, Catharina, Feliciana, Laurentia; kellha parrina biss, fejn is-soltu jkun hemm tnejn, u din hija mniżżla bħala "*D.na Joanna Xiberras, fil. D.ni Feliciani*" li mit-titlu jidher li kienu nobbli. It-tnejn iżżewġu nhar it-12 ta' Novembru 1893 fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Assunta fl-Imqabba;[11] iż-żwieġ kien iċċelebrat minn Dun Ġwakkin Grech u x-xhieda kienu Mikiel Galea u Feliċissimu Muscat, it-tnejn mill-Imqabba. Fir-reġistru Spiridione huwa deskritt bħala "*ex paroecia S. Leonardi in pago Chircop*" mela allura sakemm iżżewweġ kien diġà stabbilit fir-raħal; prova oħra ta' dan hija nota li nsibu fi tmiem ir-reġistrazzjoni fejn jingħad li t-tnidijiet għaż-żwieġ kienu saru fil-knisja ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop mill-Kappillan Dun Ġużepp Barbara "*sub cujus cura sponsus habitat*" (li taħt il-kura tiegħu jgħix l-għarus). Miż-żwieġ twieldu: Feliċ, li twieled fit-18 ta' Frar 1895;[12] Ġużeppi, li twieled fid-19 ta' Frar 1897;[13] Marija, li twieldet fit-12 ta' Lulju 1899;[14] Abram, li twieled fil-31 ta' Diċembru 1901;[15] Iżakk, li twieled fil-15 ta' Diċembru 1903;[16] Ġael, li twieldet fis-17 ta' Jannar 1906;[17] u Leonardu, li twieled fid-9 ta' Mejju 1907.[18] It-tfal kollha ġew mgħammdin mill-Kappillan Barbara.

Mid-dokumentazzjoni li nsibu fir-reġistri parrokkjali, u fl-okkorrenzi li ġew studjati diġà, joħroġ ċar kemm il-familja Bartolo kienet ikkulurita: Maria Antonia kienet vittma ta' fastidji minn xi raġel u sofriet ukoll minn problemi ta' saħħa mentali, waqt li tnejn minn uliedu, Feliċ u Abram, kienu xi ftit imqarqċin fi tfulithom.[19] Mill-informazzjoni li nistgħu niġbru[20] dwar Spiridione naraw li ħajtu ma kinetx waħda monotona u rurali. Kien magħruf li kien jilbes kappell b'rixa, u dan jista' jkun ħjiel ieħor li hu kien konxju tal-għeruq nobiljari tiegħu u tal-possibilità li kien kemmxejn tat-tajjeb għall-ambjent Koppi. Il-professjoni tiegħu kienet ta' barbier u kellu l-ħanut f'numru 2 Strada Maggiore, però kien jagħmel bosta xogħolijiet oħra bil-ħlas għall-knisja, għaliex insibu reġistrat li kien bajjadha kemm-il darba, u kien jixgħel il-fanali taċ-ċimiterju u jieħu ħsieb iż-żamma tiegħu. Kien magħruf bħala l-*factotum* tar-raħal, għalhekk nifhmu li kien jinvolvi ruħu f'oqsma oħra wkoll apparti l-knisja. Mill-impenn soċjali tiegħu nafu li kien Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u, wara, President tal-Każin (1918-1928). Fil-bidu tas-seklu kien jiddelitta fil-produzzjonijiet teatrali u dan huwa konfermat għax fit-22 ta' April 1905 ġie rappurtat li tella' produzzjoni bla permess. Fiż-żmien meta kien il-President tal-Każin, jiġifieri fl-1926, Spiridione jidher li kien l-ewwel raġel f'Ħal Kirkop li kellu l-liċenzja biex jaħdem in-nar, u dan huwa konfermat minn rapport ieħor li sar f'Lulju ta' dik is-sena. Minn informazzjoni li waslitilna dan l-aħħar mill-pro-neputijiet li jgħixu barra minn Malta, Spiridione kien idoqq il-vjolinċell u martu kienet tgħallem il-pjanu. Li nistgħu ngħidu żgur huwa li ma kienx raġel li jippretendi d-dinja ddur miegħu, għax milli qed naraw kien imidd idu għax-xogħol bla argumenti.

Mill-okkorrenzi ma jidhirx li Spiridione qatt xellef difrejh mal-liġi ħlief għal affarijiet żgħar. Darba nqabad jieħu l-ilma mill-għajn tal-misraħ biex isaqqi xi siġar, u darba fuq sitwazzjoni domestika. Mill-aħħar snin ta' ħajtu, wara li spiċċa minn President tal-Każin fis-sena 1928, ma tantx għandna ħjiel ħlief li miet fl-isptar tal-Furjana s-Sibt 23 ta' Mejju 1942 wara li korra gravament waqt attakk mill-ajru li sar fuq Ħal Kirkop xi tliet ġimgħat qabel. Kellu 74 sena.[21] Minn dak li jiftakru xi anzjani Koppin jidher li kien hemm ġudizzji differenti dwaru, min ifaħħru u min le.[22] Li huwa żgur hu li kien persunaġġ prominenti ħafna fir-raħal ladarba kellu r-rwoli kemm bħala Prokuratur tal-Fratellanza, kif ukoll bħala President tal-Każin, licencee tan-nar u anke attivist tat-teatru; il-ġlieda li kellu ma' Barbara fis-sena 1913 żgur li kkontribwiet biex il-fama tiegħu (fit-tajjeb jew fil-ħażin) kibret.

Jixraq li nwasslu wkoll xi informazzjoni dwar uliedu ladarba saret ħafna riċerka dwar dan u tkun ħasra li din tibqa' fuq l-ixkaffa. Feliċ sar infermier rinomat tant li għal xi żmien il-Gvern Franċiż


Spiridio Bartolo cum Maria Antonia Ellul

Anno millesimo octingentesimo nonagesimo tertio (1893) die duodecima (12) Novembris denuntiationibus praemissis tribus diebus festivis interpolatis, quarum prima fuit die 22 Octobris, secunda vero 29 ejusdem, tertia tandem die 5 hujus mensis, nulloque impedimento canonico detecto, ego Sac. Joachim Grech Vic: Curatus hujus Par: B. Mariae Virginis in coelum assumptae pagi Micabibae interrogavi Spiridionem Bartolo filium leg. et nat: Joannis et Mariae Sant jug: ex paroecia S. Leonardi in pago Chircop et Mariam Antoniam Ellul filiam virg. leg. et nat. quondam Felicis et Annae Mifsud conj: ex hac paroecia, et eorum mutuo consensu habito per verba de praesenti matrimonio conjunxi coram testibus notis Michaele Galea filio quondam Innocentii et Felicissimo Muscat filio Joannis ex hac paroecia.

Postea in Missae celebratione ad altare majus ejusdem Ecclesiae eos Rev: Dnus Laurentius Zammit juxta ritum Sanctae Matris Ecclesiae benedixit.

Quae quidem denuntiationes factae fuerunt etiam in Ecclesia S. Leonardi ab Adm: Rev: Dno Josepho Barbara D.D. Parocho, sub cujus cura sponsus habitat iisdem diebus qui supra uti mihi constat ex ejusdem Parochi testimonio scripto apud me reservato.

*Il-kitba taż-żwieġ ta' Spiridione Bartolo u Maria Antonia Ellul.*

sejjaħlu biex imur Franza jdewwi lis-suldati li korrew matul l-Ewwel Gwerra Dinjija; kien ukoll tort tal-gwerra li ma sarx tabib għax ma laħaqx għamel l-aħħar eżami.[23] Fil-15 ta' Settembru 1923 iżżewweġ lil Maria Carmela Vella fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Portu Salvu, il-Belt Valletta, u miet fl-1953;[24] martu mietet fl-1982. Ġużeppi sar tabib u żżewweġ lil Maria Dolores Zammit fis-17 ta' Lulju 1924 fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi (San Ġorġ). Mar jgħix Ħal Luqa fejn miet fl-1943, bħal missieru vittma tal-gwerra. Marija (magħrufa bħala Marija Anna, jew Spiruwa)[25] jidher li kienet l-unika waħda li baqgħet tgħix f'Ħal Kirkop, fejn mietet ta' 61 sena nhar is-27 ta' Novembru 1960 fid-dar tagħha Nru 28, Triq San Rokku, Ħal Kirkop, u ndifnet fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.[26] Abram ħa l-mestjier ta' missieru u kien jaħdem bħala bajjad u bħala barbier skont l-informazzjoni li tidher fuq l-applikazzjoni tiegħu għall-passaport;[27] eventwalment mar l-Amerka fejn ta' kważi 60 sena żżewweġ lil Minnie Earie Strobel[28] fil-Knisja ta' l-Anġli Kustodji f'Missouri, fl-Istati Uniti, nhar it-30 ta' Jannar 1960. Abram miet fl-1975 u martu mietet fl-1995. Dwar it-tliet ulied l-oħra (Iżakk, Ġael u Leonardu) mhu magħruf xejn, imma mwiethom mhux reġistrati fl-arkivju parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

### Id-dokumenti tal-1913 li jixhdu l-ġlied bejn Bartolo u Barbara

Madwar sena ilu meta kont qiegħed infittex materjal li jista' jkun ta' interess għal din il-pubblikazzjoni, ħadt nota tal-eqdem rikorsi marbutin mal-Fratellanza ta' San Ġużepp, u sena ilu għażilt li nikteb dwar l-inkjesta li saret fuq il-Kappillan Barbara fl-1891. Fin-notamenti kont niżżilt li hemm xi rikorsi 'twal' ġejjin mis-sena 1913 u xi xhur ilu mort infittixhom biex nara x'kienu joffru. It-tul ta' rikors mhux neċessarjament ifisser li kien xi rikors li ġab bidla kbira fl-istorja tal-Fratellanza, imma kważi dejjem ikollu l-mertu li jagħti bosta dettalji fuq punt partikolari, anke jekk dan ma jkunx importantissimu. Il-każ tad-dokumenti li se nanalizza huwa differenti: mhux biss joffru dettalji kurjużi u importanti, imma wkoll jixħtu dawl ġdid fuq ċirkustanza li s'issa ħadd f'Ħal Kirkop qatt ma ħolomha. Għalkemm kien hemm mumenti ta' ġlied bejn il-partitarji taż-żewġ festi ewlenin, kif ukoll ta' ġlied intern bejn il-membri ta' każin jew ieħor, u saħansitra, bħalma wera tajjeb Mercieca u bħalma ħareġ mill-artiklu tiegħi ta' sena ilu, il-ġlied bejn il-qassisin ma kienx nieqes anqas… ħadd ma basar li seta' jinqala' l-inkwiet bejn il-Kappillan Barbara u l-mexxejja tal-Partit ta' San Ġużepp. Il-'mexxejja tal-partit' li qed nirreferi għalihom huma l-Prokuraturi tal-Fratellanza, għax bħalma joħroġ ċar minn dawn id-dokumenti li se nippreżenta, kienet il-Fratellanza l-mutur ta' kollox; il-każin – li llum nistgħu ngħidu li l-Fratellanza ġiet ridotta għal fergħa minnu bħalma huwa l-każ ta' kull Fratellanza li fl-imgħoddi kienet tieħu ħsieb festa u li eventwalment twaqqaf każin għaliha –, għalkemm kien imwaqqaf fl-1886 u li tiegħu l-Kappillan Barbara kien l-ewwel President jidher li kien biss post fejn l-irġiel tal-partit kienu jiltaqgħu biex jixorbu, u ftit li xejn kellu sehem fl-organizzazzjoni tal-festa, anqas dik esterna.

Ladarba d-dokumenti huma ta' importanza kbira fl-istorja tal-Partit ta' San Ġużepp u r-rapport tiegħu mal-Kappillan Barbara, se nġib it-testi kollha bla ma nħalli xejn nieqes, imbagħad nasal għal xi konklużjonijiet possibbli fl-analiżi ta' wara. Se nġibhom f'ordni kronoloġiku skont meta nkitbu u meta ttieħdu d-deċiżjonijiet mill-Kurja.

#### A. **L-ewwel rikors ta' Spiridione Bartolo**[29]

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Mons. Dr Pietru Pace,
Arċisqof Isqof ta' Malta eċċ. Eċċ.

Rikors umli ta' Spiridione Bartolo u Karmenu Falzon, Prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp imwaqqfa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.
Ir-rikorrenti umilment jesponu:

Li il-Kappillan tar-raħal iċċelebra l-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1912 mingħajr il-kummissjoni tal-prokuraturi; issa jrid li jħallsu l-ispejjeż tal-festa, u ma jridx jiċċelebra l-quddies [għas-suffraġju] tal-konfratelli u l-konsorelli ta' din il-Fratellanza.

Għaldaqstant jitolbu lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima li tagħtihom permess biex dawn il-quddisiet jagħmluhom f'parroċċa oħra.

Spiridione Bartolo,
Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.
Nru. 15 Piazza Maggiore, Ħal Kirkop

Preżentat nhar it-3 ta' Settembru 1913 lil Dun P. Vella Mangion, Kanċillier.

*Nota fil-ġenb*: Tintbagħat lir-Reverendu Kappillan biex iwieġeb. Mogħti nhar l-10 ta' Settembru 1913. Kan. Teologu Alwiġ Attard, Vigarju Ġenerali.

#### B. **It-tieni rikors ta' Spiridione Bartolo**[30]

Eċċellenza Reverendissima
Spiridione Bartolo u Karmenu Falzon Prokuraturi, jesponu bil-qima:

Li matul is-snin bejn l-1890 u l-1907 saru mill-prokuraturi, il-Wisq Reverendu Kappillan Ġużeppi

Barbara D.D. u Ġużeppi Cassar, dawn l-oġġetti li se jissemmew hawn taħt, parti minnhom permezz tal-kontribuzzjoni tal-konfratelli u l-konsorelli u parti oħra permezz ta' flushom stess.

Jitolbu għaldaqstant lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima biex tiddikjara li dawn l-oġġetti huma proprjetà tal-Fratellanza.

Apparti minn hekk, il-Prokuraturi hawn fuq imsemmija jixtiequ jkunu jafu fejn jinsabu miżmuma dawn l-oġġetti li saru b'ringrazzjament mill-fidili! Nirringazzjawk eċċ.

Dawn huma l-affarijiet li dwarhom qed nitkellmu:

- Tlettax-il gandlier tal-injam arġentat bid-deheb[31] flimkien mas-Salib ta' magħħom bil-korp ta' Kristu fuqu, għall-altar maġġur.
- Tlettax-il gandlier tal-injam aġentat bid-deheb flimkien mas-Salib ta' magħħom bil-korp ta' Kristu fuqu, għall-altar ta' San Ġużepp.
- Sitt statwetti (patrijarki) tal-kartapesta arġentati bid-deheb għall-altar maġġur.
- Pedestall tal-injam arġentat bid-deheb għall-ostensorju[32] li jitpoġġa fuq l-altar maġġur.
- Kanupew tal-lama rrakmat bid-deheb għall-altar maġġur.
- Ventaltar tal-lama rrakmat bid-deheb għall-altar maġġur.
- Kanupew tat-Tabernaklu tal-lama rrakmat bid-deheb.[33]
- Żewġ gandlieri żgħar tal-fidda.
- Leġiju tal-injam arġentat bid-deheb għall-altar maġġur.
- Erba' pari[34] karti-glorja tal-injam arġentat għall-altar maġġur.
- Erba' pari karti-glorja tal-injam arġentat għall-altar ta' San Ġużepp.
- Ventaltar tal-lama rrakmat bid-deheb għall-altar ta' San Ġużepp.
- Erba' važuni tal-fidda u erba' bukketti tal-fjuri tal-ganutell[35] għall-istatwa ta' San Ġużepp.
- Tmien bokkini u plattini tal-fidda[36] għall-istatwa ta' San Ġużepp.
- Stendard tas-suf ikħal irrakmat bid-deheb b'lasta tal-fidda twila seba' piedi.
- Lasta tar-ram arġentat.
- Kruċetta tar-ram arġentat.
- Sitt lanterni tal-fidda.
- Surġentina tal-fidda b'lasta tal-fidda twila sitt piedi b'bukkett żgħir ta' fjuri tal-fidda
- Kurċifiss kbir tal-fidda

Din hija l-lista tat-tiżjin tat-toroq [li wkoll nixtiequ li jiġu dikjarat proprjetà tal-Fratellanza u nixtiequ nkunu nafu fejn jinsabu]


A Sua Ecc.za Rev.ma
Mons. Dr. D. Pietro Pace
Arciv. Vescovo di Malta
ecc. ecc. ecc.

327
1913.

Umile ricorso di Spiridione Bartolo e Carmelo Falzon Procuratori della Conf.ta di San Giuseppe eretta nella Chiesa Par.le di Casal Chircop.

I ricorrenti espongono umilmente:

Che il Parroco del Villaggio celebrò la festa di San Giuseppe del 1912 senza la commissione dei procuratori: ora egli vuole il pagamento della festa, e non vuol far messe pei confratelli e per le consorelli di questa confraternità.

Quindi pregano V. S. R. a voler loro permettere di frase dette messe in una altra Parrochia.

(f) Spiridione Bartolo procuratore della confraternità di San Giuseppe.
N. 15 Piazza Maggiore. Casal Chircop.

Presentato il dì 3 Settembre 1913.
Sac. P. Vella Mangion
Cancell.

406

L-ewwel rikors ta' Bartolo.

- Tliet statwi tal-kartapesta u erbgħa oħra tal-kompożizzjoni u l-pedestalli tagħhom.
- Erbgħa u tletin kolonna bil-gastri u s-siġra tal-metall.
- Sitta u għoxrin trofew bil-bandieri tagħhom u bl-iskudetti.
- Kolonna kbira b'siġra kbira tal-metall.
- Ħames armi żgħar bil-bnadar tagħhom.
- Numru ta' globi u ta' balal u ossini tal-ħġieġ.
- Sellum kbir li jintuża għall-armar tal-istatwi.
- Raġġiera.
- Żewġ bnadar kbar u arblu kbir tal-ħadid.
- Damask li jintrama mal-faċċata tal-knisja.
- Bandalora kaħla rrakmata bid-deheb.

Il-prokuraturi jridu jkunu jafu fejn huma wkoll dawn l-oġġetti:

- Numru ta' ċrieket tad-deheb.
- Numru ta' msielet tad-deheb.
- Ġiżirana tad-deheb.
- Numru ta' wegħdi tal-fidda u tax-xemgħa.
- Palju tal-*canavazzo d'oro*.
- Bizzilla għat-tvalja tal-altar.

Preżentat nhar it-3 ta' Settembru 1913.

Spiridione Bartolo
Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp imwaqqfa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

Nru 15 Piazza Maggiore, Ħal Kirkop.

Preżentat fl-10 ta' Settembru 1913. Saċ. P. Vella Mangion, Kanċillier.[37]

*Nota fil-ġenb*: Lir-Reverendu Kappillan biex iwieġeb. Mogħti fl-10 ta' Settembru 1913. Kan. Teol. Alwiġ Attard, Vigarju Ġenerali.

C. **L-Istruzzjonijiet mill-Kurja**[38]

Il-Gran Kurja Veskovili ta' Malta lil
Ġwanni Camilleri, messaġġier

B'ordni ta' din il-Gran Kurja għandha titwassal lill-Wisq Reverendu Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop kopja legali ta' żewġ rikorsi ta' Spiridione Bartolo u Karmenu Falzon, Prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, imwaqqfa fl-imsemmija Parroċċa, li ġew preżentati f'din il-Kurja wieħed nhar it-3 u l-ieħor nhar l-10 ta' dan ix-xahar, u għandhom jingħatawlu tmint ijiem żmien biex jispjega lil din il-Kurja dwar il-kontenut ta' dawn iż-żewġ rikorsi. Meta l-messaġġ jasal għandna niġu infurmati.

Mill-Gran Kurja msemmija,
illum 10 ta' Settembru 1913.
Dun P. Vella Mangion, Kanċillier.

Jien, hawn taħt iffirmat, nikkonferma li wassalt lill-Wisq Reverendu Kappillan ta' Ħal Kirkop kopja legali ta' dan l-ordni flimkien maż-żewġ rikorsi. Illum 12 ta' Settembru 1913.

Karmenu Bonello.[39]

D. **Ir-risposta tal-Kappillan Barbara għall-ewwel rikors**[40]

Lill-Gran Kurja tal-Isqof ta' Malta

Jien, Kappillan hawn taħt iffirmat, wara li waslitli l-ordni (maħruġa minn din il-Gran Kurja nhar l-10 ta' dan ix-xahar ta' Settembru) biex nispjega dwar il-kontenut tar-rikors ta' Spiridione Bartolo u ta' Karmenu Falzon, Prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp imwaqqfa f'din il-Parroċċa, inwieġeb billi ngħid:

Li mhux veru (skont ma qiegħed jingħad) li jien iċċelebrajt il-festa ta' San Ġużepp tal-1912 mingħajr il-kummissjoni tal-Prokuraturi rikorrenti hawn fuq imsemmija; jien kulma għamilt kien li wettaqt dak li huma kienu diġà ikkummissjonaw u ħejjew minn żmien qabel. Ħa nispjega ruħi aħjar: huma (speċjalment Spiridione Bartolo) diġà minn sena qabel il-festa, kienu qed jiltaqgħu miegħi biex nitkellmu fuq il-predikaturi tal-paniġierku u tad-diskorsi tat-tridwu, u bejnietna konnha ftehmna li nagħtu l-paniġierku lil Wisq Reverendu Dun Fortunat, missjunarju ta' ġieħ, u d-diskorsi tat-tridwu lill-Wisq Reverendu Dun Salv Schembri (tal-Imqabba), u jien, ladarba konnha ftehmna, malajr kellimthom u ikkummisjonajthom.

Meta mbagħad qorbot il-festa li qed nitkellmu dwarha, madwar xahar qabel, il-Prokuraturi rikorrenti hawn fuq imsemmija ġabuli l-permessi tas-soltu għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festa, li jien iffirmajt. Huma stess, ukoll, ikkummissjonaw lill-Wisq Reverendu Dun Giovanni Battista Ghigo (tal-Imqabba) biex jiġi, bħas-soltu, biex jassisti fil-funzjonijiet u jġib miegħu xi saċerdoti oħra u xi kjeriċi. Ikkummissjunaw ukoll lis-Sur Lawrenz Sacco (organista) biex jieħu ħsieb id-daqq u l-kant matul it-tridijiet tal-festa. Insomma, biex ma ntawwalx, taw il-kummissjonijiet kollha meħtieġa għal din il-festa. Jien, għalhekk, bħas-soltu, waqt li kont qed inħejji l-avviżi ta' kull ġimgħa, avżajt ukoll (il-Ħadd ta' qabel il-festa), il-programm ta' nhar is-solennità flimkien ma' dak tat-tridwu ta' qabel. Dakinhar stess il-Prokuraturi hawn fuq imsemmija kienu ġew fil-knisja (qabel ma ħabbart l-avviżi fil-quddiesa tal-ewwel) biex iħallsu l-annwalità (tal-Fratellanza). Issa, dan kollu, għalkemm l-avviż kont għadni ma għamiltux, ma jfisser xejn għajr li l-festa kienet ġa mħejjija, ikkummissjunata mill-Prokuraturi rikorrenti hawn fuq imsemmija, u kienet mistennija mhux biss mill-Konfratelli u l-Konsorelli, mhux biss mill-parruċċani kollha, imma anke minn oħrajn barra mir-raħal.

Madanakollu, il-Prokuraturi rikorrenti hawn fuq



*Il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara DD, fundatur tal-Fratellanza u tas-Soċjetà Ġużeppina.*

imsemmija, meta semgħu u fehmu li l-Kappillan ma riedx li jkun hemm banda fil-purċissjoni (għax din l-użanza tneħħiet mhux biss mill-Bliet, imma anke mill-irħula żgħar u kbar, u tneħħiet anke f'din il-parroċċa fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Leonardu minħabba xi inkonvenjenti li spiss jinqalgħu) hekk kif, kont qed ngħid, semgħu dan il-Prokuraturi hawn fuq imsemmija, ġew għandi, il-Kappillan (it-Tnejn ta' qabel il-festa, jiġifieri jumejn qabel it-tridwu), u ordnawli biex ma nżejjinx il-knisja u biex navża lill-predikaturi biex ma jiġux u biex inħassar kollox, inkluż id-daqq tal-qniepen. Jien, għalhekk, biex inwaqqaf ħafna u ħafna inkonvenjenti u inkwiet li żgur kienu se jinqalgħu, ħadtha kontra n-nuqqas ta' prudenza u l-ħsieb bla qjies tar-Rikorrenti, u bla aktar kliem tajt ordni lis-Sagristan biex jipprepara kollox bħas-soltu, u avżajt lill-organista u lis-saċerdoti u l-kjeriċi…

Issa, la l-fatti huma hekk, jidhirli li jkun inġust ħafna jekk il-rikorrenti hawn fuq imsemmija ma jħallsux għall-ispejjeż magħmula għall-festa tal-1912; ma jidhirlix li huma ksuħat min-naħa tiegħi, jekk jien, ladarba rajthom baqgħu iwebbsu rashom biex ma jħallsux l-ispejjeż (li saru mhux b'kapriċċ tiegħi, imma aktar għall-bżonn u minħabba n-nuqqas ta' prudenza tagħhom), jekk jien, kif kont qed ngħid, meta rajthom baqgħu hekk, għedtilhom li allura lanqas ma jien se nqaddes il-quddies kantat (li jissemmew) qabel ma nkun tħallast ta' kollox. Huma qed jitolbu l-permess biex dawn il-quddisiet isiru f'parroċċa oħra. Oh, jista' jkun li jkun hemm ħsieb aktar bla raġuni minn dan!![41] U biex issir din l-inġustizzja għandhom il-wiċċ imorru għand l-awtorità ekkleżjastika biex iġibu l-permess biex iwettqu għarukaża bħal din u irregolarità li bħalha qatt ma nstemgħet, la f'Ħal Kirkop, la f'Malta kollha, u lanqas fl-ebda parti tad-dinja?? Ngħid il-verità, ma nistax nifhem dan il-mod ta' ħsieb u din l-imġieba u wisq anqas, għalhekk, nista' nagħti l-ġudizzju tiegħi fuq dan. Għaldaqstant, dwar dan, inħalli l-ġudizzju f'idejn din il-Gran Kurja, u bla ma nżid xejn aktar, nieqaf.

Ħal Kirkop, Uffiċċju Parrokkjali.
16 ta' Settembru 1913.
Dun Ġużepp Barbara DD Kappillan.

E. **Ir-risposta ta' Barbara għat-tieni rikors**[42]

Lill-Gran Kurja tal-Isqof ta' Malta

Jien, Kappillan hawn taħt iffirmat, wara li rċevejt l-ordni, maħruġ nhar l-10 ta' Settembru 1913 minn din il-Gran Kurja, biex inwieġeb għall-kontentut tar-rikors ta' Spiridione Bartolo u Karmenu Falzon, Prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, imwaqqfa f'din il-Knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop, għalhekk biex nobdi dan l-ordni nwieġeb lill-istess Gran Kurja kif ġej:

1. Il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara waqt iż-żmien bejn l-1890 u l-1907 ma kienx (kif qed isostnu) Prokuratur tal-fuq imsemmija Fratellanza, għax hu kien telaq din il-Prokura sa mis-sena 1889.
2. Dwar l-oġġetti msemmija f'dan ir-rikors, minn dawn (kif jidher) uħud għandhom x'jaqsmu mal-festa interna u jservu biex tiġi mżejna l-knisja, u oħrajn għandhom x'jaqsmu mal-festa esterna u jservu biex jiżżejnu t-toroq tar-raħal matul il-festa ta' San Ġużepp. Dwar l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' barra, minnhom kollha huwa biss l-arblu kbir tal-ħadid u tnax-il kolonna tal-injam (li għandhom forma ottagonali) li tħallsu minn xi konfratelli, u għaldaqstant huma proprjetà tal-Fratellanza, u għalhekk, apparti dawn il-ftit, l-oġġetti l-oħrajn kollha tħallsu minn persuna benefattriċi, li, b'mod separat u indipendenti mill-prokura tal-Fratellanza, tieħu ħsiebhom u terfagħhom, u għaldaqstant huwa ċar li dawn la huma u lanqas jistgħu jitqiesu proprjetà tal-Fratellanza, u għalhekk il-prokuraturi (tal-Fratellanza) kulma jagħmlu huwa li jitolbu


Alla Gran Curia Vescovile di Malta

Io sottoscritto Parroco, avendo ricevuto l'ordine (emanato da Cotesta Gran Curia il dì 10. del corrente Settembre) di riferire intorno il contenuto nel Ricorso di Spiridione Bartolo e di Carmelo Falzon, Procuratori della Confraternita di S. Gius. eretta in questa Parrocchia, rispondo dicendo:–

1º Che non è vero (come si asserisce) ch'io celebrai la festa di S. Gius. del 1912 senza la commissione dei sud.ti Ricorrenti Procuratori; io solamente feci eseguire ciò ch'eglino avevano già commissionato e preparato da tempo. Mi spiego: Essi (specialmente Spiridione Bartolo) insin da un anno prima della Festa si combinavano con me intorno i Predicatori del Panegirico e dei Discorsi del Triduo, e tra me ed essi è stato deciso di dar l'incombenza del Panegirico al M. R. D.r Fortunato [illegible] Missionario ed i Discorsi del Triduo al M. R. Sac. Salvatore Schembri (detto Mikabiba); ed io, detto fatto, subito ne diedi la commissione. Approssimandosi poi la consaputa Festività, da circa un mese prima della stessa i sudetti Ricorrenti Procuratori mi presentarono i soliti [illegible] dell'esterno della Festività, ch'io li fermai. Diedero pure la commissione al M. R. D.r Gio: Batta [illegible] (detto Mikabiba) di venire, come al solito, per assistere alle funzioni portando seco altri Sacerdoti ed alcuni chierici: diedero pure la commissione al Sig.r Lorenzo Sacco (organista) di eseguire diversi suoni e canti durante il Triduo e la Festività: diedero, per non dilungarmi, tutto quello che si richiede per la detta Festività. Io allora, come al solito, pubblicando le feste settimanali pubblicai pure (il che fu la Domenica p. antecedente alla Festa) pubblicai, diceva, la solennità della Festa unitamente al triduo precedente: nella stessa Domenica i sudetti Procuratori si presentarono pure in Chiesa (previo il mio annunzio nella messa dell'aurora) per incassare l'annualità. Ora, tutto questo, se ben m'avviso, non significa altro, che la festa era stata preparata, commissionata dai sud.ti ricorrenti Procuratori [illegible] aspettata non

Presentata li [illegible] Settembre 1913 [illegible] Vella [illegible] Cancelliere

*Il-bidu tal-ewwel risposta tal-Kappillan Barbara.*

lil din il-persuna biex jużawhom, bħalma jsir kull sena, għall-festa ta' San Ġużepp. Dwar l-affarijiet li jintużaw fil-Knisja ninnota dan li ġej:

- L-ewwel: li ż-żewġ gandlieri żgħar tal-fidda msemmija fir-rikors, mhumiex tal-Fratellanza, imma ta' persuna privata, li mill-qalb tajba tagħha kull sena tibgħathom il-knisja fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Leonardu u dik ta' San Ġużepp (prassi li ssir f'ħafna rħula u bliet);
- It-tieni: minn dawn l-oġġetti kollha msemmija mir-rikorrenti (u oħrajn magħhom li mhumiex imsemmija li saru minn persuni partikulari) huma biss dawn li ġejjin li tħallsu minn xi konfratelli u konsorelli, jiġifieri:
  - (a) L-istendard irrakkmat għall-festi prinċipali;
  - (b) Żewġ lanterni tal-fidda;
  - (c) Erba' gastri tal-fidda għall-istatwa ta' San Ġużepp;
  - (d) Stendard għall-festi sekondarji;[43]
  - (e) Stendardi oħrajn għal xi ċirkustanzi ordinarji;[44]
  - (f) Erba' lanterni tal-landa arġentata.

    Dawn l-oġġetti, bħala prodott ta' sforz bejn ħafna, żgur li ma jistgħux ma jkunux proprjetà tal-Fratellanza.
- It-tielet: li, ħlief dawn l-oġġetti msemmija hawn fuq, l-oġġetti l-oħra kollha saru minn persuni partikolari. L-oġġetti huma dawn:
  - (a) Surġentina tal-fidda, imħallsa minn Ġorġ Ellul;
  - (b) Lasta tal-fidda għall-istendard irrakmat, imħallsa minn Ġużeppi Cassar;
  - (c) L-istatwa ta' San Ġużepp bil-bradella tagħha tal-monagonu u l-pedestall indurat, kif ukoll l-oġġetti tal-fidda li jżejnu l-istess statwa; dawn kollha tħallsu mill-mejjet Sur Ġużeppi Agius;
  - (d) Dak kollu li jibqa', jiġifieri l-gandlieri indurati għall-altar maġġur u dak ta' San Ġużepp, erba' lanterni tal-fidda, salib kbir bil-korp ta' Kristu u ornamenti oħra tal-fidda, surġentina oħra tal-fidda (bħal dik li ssemmiet aktar 'il fuq), żewġ akkolti tal-fidda, erba' bukketti tal-fjuri tal-ganutell, kaxxa biex jintrefgħu il-bukketti msemmija, żewġ ventaltari rrakkmati, tmien karti-gloria indurati[45], kanapew irrakmat,[46] żewġ leġiji ndurati, pedestall indurat tal-ostensorju, bankun tal-injam aħmar bit-tiżjin tal-bronż biex iżomm il-lanterni tal-fidda msemmija u x-xemgħat tal-konfratelli, il-bukketti kollha tal-fjuri tal-ganutell għall-knisja kollha, brazz kbir tal-metall maħdum *a martello* biex iżomm is-Salib imsemmi aktar 'il fuq u l-lanterni tal-fidda li jmorru miegħu, brazz tal-ħadid biex iżomm l-isendard. Dawn l-oġġetti, msemmija taħt l-ittra D, tħallsu kollha minn persuna oħra partikolari (li m'hemmx għalfejn tissemma' b'isimha).
- Ir-raba': li, minn mindu twaqqfet l-imsemmija Fratellanza s'issa, il-persuni msemmija hawn fuq li minn buthom ħallsu biex saru l-oġġetti msemmija (taħt l-ittri a, b, c, d), ħadd minnhom qatt ma ħolom, tniffes jew qajjem argumenti dwar dawn l-oġġetti, u lanqas qatt ma ppretendew jew ppruvaw jieħdu lura minnhom, anzi mir-rieda tagħhom stess offrewhom u tawhom lill-imsemmija Fratellanza, u dan bil-ħsieb u l-qbil li f'każ ta' bżonn jintużaw ukoll għall-festa titulari ta' San Leonardu, kif appuntu qiegħed isir, u kif jistgħu jixhdu l-parruċċani kollha kif ukoll dawk kollha li jiġu minn barra r-raħal għal din il-festa.
- Il-ħames: li dawn l-oġġetti kollha, li dwarhom qed nitkellmu, jinsabu mmarkati fil-ktieb imsemmi "Inventarju tal-oġġetti tal-Fratellanza".
- Is-sitt: fl-aħħar ngħid li dawn l-oġġetti kollha (kemm dawk li saru bi sforz komuni, kemm dawk li saru minn persuni partikolari) iġorru fuqhom is-sinjal u l-arma tal-istess Fratellanza. Issa, għaldaqstant, ladarba l-affarijiet huma hekk, min se jkun daqshekk imbeċilli jew bla moħħ li jiddubita jekk dawn l-oġġetti msemmija humiex jew le proprjetà tal-Fratellanza, u minn fuq jitolbu mill-Awtorità Ekkleżjastika digriet li jikkonferma din il-proprjetà???[47] Jekk jien ma niħux pożizzjoni kontra dan, żgur li r-riżultat ikun ta' inkonvenjent kbir u ta' mistħija kbira lill-benefatturi tal-Fratellanza, u dan ukoll iwassal għal ħsara kbira lill-istess Fratellanza; din il-ħaġa żgur li tqajjem taqlib ġdid u mhux tas-soltu; din il-ħaġa żgur li tiswa biex tiftaħ bieb kbir għal kwistjonijiet u partiti

u ġlied bla tmiem… Għaldaqstant ngħid li jekk il-Prokuraturi rikorrenti hawn fuq imsemmija jixtiequ l-ġid lill-Fratellanza għandhom ifittxu li jimxu sewwa u eżatt mar-regolamenti u l-istatuti tal-istess Fratellanza, u mhux ifittxu mezzi li jservu biss biex iġibu konsegwenzi koroh lill-Fratellanza u lill-konfratelli li jistħoqqilhom ikunu membri tagħha u fl-istess ħin anke membri tal-knisja, li permezz tagħhom tinsab mgħammra b'kollox speċjalment fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu

3. Ir-rikorrenti jridu jkunu jafu fejn jinsabu l-bukketti, il-palju u l-oġġetti l-oħra li saru b'ringrazzjament, jiġifieri xi ċrieket tad-deheb, imsielet u kullana tad-deheb ukoll, oġġetti oħra tax-xemgħa u tal-fidda, liema oġġetti kienu kollha mogħtija lili bħala Kappillan biex inżommhom għandi b'mod sigur sabiex ma sseħħx xi serqa (kif ġara diversi drabi); kien għalhekk li l-Prokuraturi ta' qabel qatt ma staqsewni dwarhom. Għedt "kif ġara diversi drabi", għax dak li seraq barmil qadim tar-ram mid-dar parrokkjali u biegħu (skont ix-xhieda tas-sagristan tal-knisja tiegħi Ġwanni Grixti), kien appuntu wieħed mill-Prokuraturi rikorrenti, jiġifieri Spiridione Bartolo, u hi għal din ir-raġuni li ma għandi l-ebda ħsieb ngħaddilhom dawn l-oġġetti, la lilu u lanqas lil sieħbu Karmenu Falzon.

Jien, wara li spjegajt dan kollu fil-qosor u bil-mod dgħajjef tiegħi, inpoġġi ruħi fil-ġudizzju tajjeb, għaref u prudenti ta' min hu aqwa u aktar b'saħħtu minni. Sadattant nieqaf.

Ħal Kirkop, Uffiċċju Parrokkjali.
16 ta' Settembru 1913.
Dun Ġużepp Barbara DD, Kappillan

F. **Id-deċiżjonijiet tal-Kurja**

- Annessi mal-ewwel rikors[48]

Id-dokumenti ġew mgħoddija lill-Gran Kurja tagħna biex tittieħed deċiżjoni. Mogħti mill-Belt nhar it-23 ta' Settembru 1913.




*L-altar maġġur armat komplut bl-armar sagru tal-Fratellanza ta' San Ġużepp għall-festa ta' San Leonardu, madwar is-sena 1915.*

+Pietru, Arċisqof, Isqof.
L-Assessur ma dehrlux li għandu jieħu deċiżjoni.
Dun P. Vella Mangion, Kanċillier.

Il-Prokuratur għandu jħallas l-ispejjeż li saru għall-festa f'ġieħ il-patrun tal-Fratellanza fis-sena 1912, u l-Kappillan għandu jqaddes il-quddies li dwarhom saret it-talba f'din il-kitba. Mogħti mill-Belt nhar il-25 ta' Novembru 1913.
Kan. Teologu Alwiġ Attard, Vigarju Ġenerali.

- Annessi mat-tieni rikors[49]

L-Assessur tal-Kurja tagħna rrefera lilna biex nieħdu deċiżjoni. Mogħti l-Belt Valletta nhar it-23 ta' Settembru 1913. L-Assessur ma dehrlux li għandu l-awtorità jieħu deċiżjoni.
Dun P. Vella Mangion, Kanċillier.

Ma hemm l-ebda raġuni għala għandu jingħata ġudizzju fuq dan li hu mitlub hawn fuq, għaliex faċilment wieħed jista' jara li kollox jinsab f'postu dwar il-proprjetà tal-Fratellanza u l-oġġetti kollha tagħha, kemm dawk l-oġġetti li jissemmew bnadi oħra kif ukoll dawk li jsemmu l-Kappillan u r-rikorrenti.
Mogħti l-Belt Valletta nhar il-25 ta' Novembru 1913.
Kan. Teol. Alwiġ Attard Vigarju Ġenerali.

**Analiżi**

Il-ġrajja dokumentata f'dawn ir-rikorsi u risposti seħħet bejn it-3 ta' Settembru u l-25 ta' Novembru 1913; fejn il-maġġur parti nkitbu bejn it-3 ta' Settembru – meta Bartolo bagħat iż-żewġ rikorsi tiegħu – u s-16 ta' Settembru – meta Barbara kiteb ir-risposti twal u dettaljatissimi. Fit-23 ta' Settembru d-dokumentazzjoni kollha ġiet studjata mill-uffiċċjali tal-Kurja u xahrejn wara sar il-ġudizzju dwarhom. L-affari tidher li kienet taħraq ladarba l-assessur tal-Kurja għażel li ma jiħux deċiżjoni u għadda kollox lil ta' fuqu.[50] Fuq li kienet kwistjoni taħraq ma hemmx dubju, imma l-aħjar nimxu pass pass.

L-ewwel ħaġa li tolqot l-attenzjoni hija ż-żmien meta ntbagħtu dawn iż-żewġ rikorsi minn Bartolo: dawn intbagħtu f'Settembru tal-**1913** fuq il-festa li seħħet f'Awwissu **1912**, jiġifieri fl-1913 kienet saret il-festa, milli jidher bla intoppi. L-iskuża li juża Bartolo fl-ewwel rikors kienet li l-festa saret mingħajr il-kummissjoni tal-Fratellanza u għaldaqstant il-Fratellanza ma kellha l-ebda obbligu li tħallas. Tajjeb niċċaraw li ladarba din kienet il-festa ta' Fratellanza, u mhux tal-parroċċa, ir-responsabbiltà kollha, kemm tal-organizzazzjoni kif ukoll tal-ispejjeż kollha, kienet taqa' fuq il-Fratellanza, u mhux fuq


Quattro paj-carte-gloria di legno argentato coll'oro dell'altare maggiore.
Quattro paj. carte-gloria di legno argentato dell'altare di San Giuseppe
Uno paliotto di tocca d'oro dell'altare di San Giuseppe
Sei candellieri d'argento dell'altare di San Giuseppe
Quattro vasi d'argento e quattro mazzetti di fiori di cannutiglia della statua di San Giuseppe
Otto bocchini e piattini d'argento della statua di San Giuseppe.
Uno Stendardo di taffetta blu con torza d'oro con un'asta con sei tubi d'argento.
Un'asta di rame argentato con argento.
Una crocetta di rame argentato.
Sei lanterne d'argento.
Una sorgentina d'argento con sei tubi d'argento ed una palla con fiori d'argento.
Un Crocifisso grande d'argento
Le ornamenti delle strade sono le seguenti
Tre statue di carta pesta ed altro quadri di composizione con le loro pedestalli
Trenta-quattro colonne con gasta e con albero di ferro.
Venti-sei trofei con bandiere e con arme
Una gran colonna con una gran albero di ferro.
Cinque piccole arme con bandiere
Diverse Globi e diverse balal e diversi ni di vettro
Una gran scale usate per le statue
Datum Valettae die 23 Septembris 1913.

*Il-lista tal-armar ta' barra fit-tieni rikors ta' Bartolo.*

il-parroċċa. Mill-mod kif tkellem Bartolo jidher qisu l-Kappillan għamel kollox minn wara daharhom mingħajr ma infurmahom b'xejn.

Minn dak li jikteb Barbara fir-risposta tiegħu jidher ċar li dan ma kienx minnu: huma kienu ftehmu fuq kollox bħal snin oħra, u li huma ddeċidew li jwaqqgħu l-ftehim matul il-ġimgħa tal-festa sempliċement għax il-Kappillan ma tax permess li jkun hemm banda mal-purċissjoni ladarba din kienet inqatgħet f'ħafna bnadi, inkluż Ħal Kirkop fil-festa titulari, minħabba li kien qed ikun hemm imġieba mhux xierqa. Huwa għaraf li ma kinetx deċiżjoni f'lokha li jħassar il-festa matul dik il-ġimgħa stess, u għalhekk refa' r-responsabbiltà u baqa' sejjer għax fehem li kienet festa mistennija minn ħafna, mhux biss il-membri tal-Fratellanza, imma wkoll mill-bqija tal-poplu Koppi kif ukoll minn nies barra r-raħal. Hawn jista' jkun li Barbara qiegħed jesaġera xi ftit għaliex milli rajna minn studji li ġew ippubblikati fl-imgħoddi, jidher li element qawwi ta' pika bejn il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-Fratellanzi l-oħrajn li fir-realtà soċjali kienu jittraduċi ruħu fil-partit ta' San Ġużepp u l-partit ta' San Leonardu, kien diġà deher aktar minn 20 sena qabel. Għaldaqstant li jgħid li l-"poplu kollu" ta' Ħal Kirkop kien jistenna bi ħġaru l-festa ta' San Ġużepp jista' jkun li hija iperbole. Dwar l-istennija ta' nies minn barra r-raħal, din tista' tkun

possibbli għax nafu minn sorsi oħrajn, aktar bikrija u mhux minn Ħal Kirkop, li kien hemm nies li jmorru f'irħula oħra għall-festi.[51]

Flimkien mal-akkuża li jaħdem minn wara dahar il-Fratellanza, Bartolo jakkuża lil Barbara fuq il-quddies għas-suffraġju tal-konfratelli u l-konsorelli li hu ma kienx qiegħed iqaddes sakemm jitħallas mill-Fratellanza, u għalhekk jitolbu lill-Isqof il-permess biex dal-quddies isir f'parroċċa oħra. Il-għan ewlieni ta' dan l-ewwel rikors kien proprju li jinġieb dan il-permess. Meta nqisu li Bartolo ma jsemmi xejn dwar il-kwistjoni tal-banda u jmur mill-ewwel fuq l-offensiva jagħtina l-impressjoni li hu ried iħammeġ ir-reputazzjoni tal-Kappillan billi jippreżentah bħala raġel li jagħmel ta' rasu mingħajr konsultazzjoni, u, agħar minn hekk, huwa ppreżentat bħala saċerdot bla skrupli li jirrikatta bil-quddies tal-mejtin biex jieħu dak li jrid.

Ir-reazzjoni ta' Barbara għal din il-proposta li l-quddies isir band'oħra kienet waħda qalila, u juri ċar li dak li kien qiegħed jitlob Bartolo kien tal-mistħija; tajjeb niftakru li l-quddies kien il-mezz ewlieni tad-dħul għas-saċerdoti. Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li l-manuvra ta' Bartolo setgħet tiġi interpretata li ried joqtol lill-Kappillan bil-ġuħ! Nistgħu ngħidu li Barbara żbalja li uża l-quddies bħala arma biex jingħata dak li bi dritt kien tiegħu – jiġifieri l-ħlas tal-ispejjeż tal-festa li fl-aħħar mill-aħħar kienet ġa miftehma – imma dak li jidher li kellu f'moħħu Bartolo kien ferm u ferm agħar.

It-tieni rikors ta' Bartolo, li ntbagħat fl-istess ġurnata imma li għal xi raġuni fid-dokumentazzjoni tal-Kurja qiegħed imniżżel ġimgħa wara (sakemm ma ħax żball il-kanċillier u kiteb fuqu d-data tal-ewwel wieħed), ikompli jikkonferma li dak li kellu f'moħħu kien proprju li jħammeġ l-isem tal-Kappillan mal-awtoritajiet tal-Kurja. Din id-darba l-iskuża kienu l-oġġetti li kienu tal-Fratellanza u li l-Fratellanza, minn kliemu, kienet imċaħħda mill-aċċess għalihom minħabba l-Kappillan. L-inklużjoni tal-lista tal-oġġetti sservi biex aktar jitpinġa ikraħ; għalina li qed ngħixu aktar minn 100 sena wara din il-lista, speċjalment tal-armar ta' barra, hija ta' valur inkalkulabbli għax tagħtina ħjiel tal-pompa relattivament kbira ta' din il-festa, f'raħal mill-iċken fil-bidu tas-seklu għoxrin. Ħafna mill-armar ta' barra li jissemma f'din il-lista ma għadux jeżisti.[52]

Minn dan l-aspett, ir-risposta ta' Barbara tkompli żżid ma' dan il-valur għax toffrilna l-ismijiet tal-benefatturi ta' ħafna minn dawn l-oġġetti. Il-benefatturi tal-apparat ta' ġol-knisja kienu magħrufa għax kienu mniżżlin fl-inventarju li nkiteb meta saret l-inkjesta fuq Barbara fl-1891. Rigward l-armar ta' barra, ladarba Barbara ma jsemmix min ħallashom, l-istess kif ma jsemmix min ħallas għal bosta oġġetti li saru fil-knisja u li nafu li kien ħallashom hu mill-inventarju tal-1891, nistgħu nikkonkludu li dawn l-oġġetti ta' barra tħallsu minnu wkoll.

Bartolo, iżda, għamel żball, għaliex hu talab li l-Isqof jgħid formalment li dawn l-oġġetti huma tal-Fratellanza, ħaġa li qatt ma tpoġġa l-iċken dubju fuqha. Fost dawn kien hemm żewġ gandlieri li kienu ta' persuna privata li kienet tislifhom lill-knisja kemm għall-festa ta' San Ġużepp, kif ukoll għal dik titulari ta' San Leonardu, u minn dan id-dettall, kif ukoll mill-iżbalji li hemm fil-lista tiegħu, u mill-parir ta' Barbara li l-Prokuraturi jaqraw sewwa l-Istatut u jimxu miegħu, joħroġ ċar li Bartolo ma kienx jaf l-affarijiet sewwa, u kien qiegħed juża din iċ-ċirkustanza sempliċement biex jitfa' t-tajn lejn il-Kappillan.

Barbara jidher li kellu xamma li dan kollu kien sar biex lilu jneħħulu kull awtorità li bi dritt kellu bħala Kappillan fuq il-festa ta' San Ġużepp, u fehem illi jekk jagħti ċ-ċwievet ta' fejn kienu merfugħ l-apparat tal-knisja lil Bartolo, wisq probabbli dawn kienu se jibdew joħorġu għal San Ġużepp biss, meta fir-realtà ħafna minnhom kienu saru bi ftehim li f'każ ta' bżonn jintużaw ukoll għal San Leonardu, kif fil-fatt kien isir, u għalhekk jisħaq illi jekk isir kif iridu huma dan kien se jiftaħ "bieb kbir għal kwistjonijiet u partiti u ġlied bla tmiem".

Dan il-punt jitfagħlna ftit dawl fuq l-attitudni tal-Kappillan Barbara lejn il-festa titulari tar-raħal. Spiss l-istampa li titpinġa miż-żewġ partiti ta' Ħal Kirkop hija li Barbara kien jiffavorixxi b'mod apert il-festa ta' San Ġużepp u li kien bla mistħija 'kontra' l-festa ta' San Leonardu. Minn studju li sar minn Mercieca xi


mezzi che servirebbero di funeste conseguenze alla
Confraternita ed ai Confratelli alquanto benemeriti della
stessa e in pari tempo anche della Chiesa, la quale
mediante loro si trova di tutto fornita in occasion
specialmente della festività di S. Leonardo.
§ III. I Ricorrenti vogliono sapere dove si trova il m
letto, il Palio, e gli altri oggetti ex-Voto, cioè alcuni anelli d'o
orecchini ed una catena anche d'oro, altri voti di cera ed argento; q
oggetti sono stati tutti consegnati a me Parroco per tene
appresso a me in custodia e non succedere qualche truffa (co
diverse volte successe); ed è perciò che i precedenti Procura
ri non ne hanno mai fatto dimanda. Ho detto come dive
volte successe, perchè colui, che rubò una secchia vecchia di
rame dalla Casa Parrocchiale e la vendette (per testimonianza dell'attuale servig
della mia Chiesa Giovanni Griati) fu appunto uno de
Procuratori Ricorrenti, cioè Spiridione Bartolo; ed è
perciò ch'io non intendo consegnare tali oggetti, nè a l
nè al suo compagno Carmelo Falzon.
Io, dopo tutto questo che brevemente e debolmente ho
riferito, mi rimetto al suo, sagace e prudente giudizio
di chi è meglio e più forte di me. Frattantochè
mi fermo:
Casal Chercop.
Ufficio Parrocchiale
16. Settembre, 1913.
Sac. Giuseppe Barbara Pr. Parroco.

*L-għeluq tat-tieni risposta tal-Kappillan Barbara.*

snin ilu, ħareġ ċar li l-orġini tal-pika f'Ħal Kirkop ma kinux San Leonardu u San Ġużepp, imma l-festa tal-Madonna ta' Lourdes li fis-sena 1889 ġiet iċċelebrata fl-istess knisja fuq żewġ altari, li wieħed minnhom kien tal-parroċċa (dak tal-Madonna tal-Grazzja, fejn kienet issir is-soltu) u l-ieħor kien tal-Fratellanza tar-Rużarju; Mercieca spjega kif il-pika bdiet bejn Dun Mikiel Ellul, Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, u l-Kappillan, li dak iż-żmien kien ukoll il-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, proprju fuq liema altar kellha ssir din il-festa. Minn dak li jgħid Barbara f'din ir-risposta, jidher ċar li għalkemm bla dubju kellu ħafna għal qalbu l-festa ta' San Ġużepp, ma jidhirx li kien jonqos mir-responsabbiltajiet l-aktar bażiċi tiegħu bħala Kappillan lejn il-festa ta' San Leonardu. Dan jidher għaliex ħafna mill-armar li sar għall-festa ta' San Ġużepp, li ħafna minnu kien ħallsu hu stess (il-persuna "li m'hemmx għalfejn tissemma' b'isimha" li jsemmi fir-risposta), kien sar bil-ftehim li jintuża wkoll fil-festa titulari. Apparti minn hekk meta ttieħdet deċiżjoni bħal dik li titneħħa l-banda mill-purċissjonijiet, l-ewwel ma sar dan kien fil-festa ta' San Leonardu, u mbagħad sar ukoll fil-festa ta' San Ġużepp, għax ried li din issir il-prassi f'kull purċissjoni. Ma dan inżidu wkoll li hu stess jgħid li l-knisja kienet "tinsab mgħammra b'kollox *speċjalment fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu*", jiġifieri ma kellha xejn inqas fejn jidħol armar meta mqabbla mal-festa l-oħra, probabbilment għax ħafna mill-armar kien l-istess u li kien tħallas mill-konfratelli ta' San Ġużepp. Juri biċ-ċar ukoll li ma riedx li dan l-armar ma joħroġx għall-festa titulari għax kien jinqala' ħafna nkwiet. Fl-aħħar nett nistgħu ngħidu wkoll li jagħti ħjiel li għall-festa ta' San Leonardu wkoll kienu jinġabru nies minn barra Ħal Kirkop.

Mill-mod kif jesprimi ruħu f'din it-tieni risposta, jidher li l-akkuża li hu donnu ried iċaħħad lill-Fratellanza mill-oġġetti li kienu tagħha tatu ġewwa wisq, għax hawn insibu l-iktar kliem qawwi u aħrax minn fost dak kollu li ħalla miktub, u l-fatt li dal-kliem jirreferi għall-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp mhux dettall li għandna ninsew: lil Bartolo jsejjaħlu "imbeċilli" u "bla moħħ".

Id-deċiżjonijiet tal-Kurja fir-rigward, kienu favur Barbara. L-ewwel rikors ġie solvut b'ordni li kulħadd kellu jaqdi dmiru: il-Prokuraturi kellhom iħallsu l-ispejjeż tal-festa waqt li Barbara kellu jqaddes il-quddies. It-tieni rikors – li talab li jinħareġ digriet fuq il-pussess tal-Fratellanza fuq l-oġġetti konċernati u li l-Prokuraturi jingħataw iċ-ċwievet ta' fejn dawn kienu miżmuma – ġie miċħud għax mir-risposta tal-Kappillan kien jidher ċar li ma kien hemm xejn irregolari.

Għal Barbara jidher li l-inkwiet fuq din il-kwistjoni spiċċa ftit xhur wara li l-Kurja ħarġet il-ġudizzju tagħha, għax fid-19 ta' Frar 1914[53] hu stess bagħat rikors lill-Isqof fejn infurmah li Bartolo u Falzon (li kien imdaħħal miegħu f'dil-kwistjoni, imma li jidher li kien biss hemm għat-tiżjin għax fi tmiem kull rikors kien biss Spiridione li ffirma u li ħalla l-indirizz ta' fejn kien joqgħod) kienu rriżenjaw minn Prokuraturi u flokhom il-Kappillan kien għażel lil Ġużeppi Cassar u Ġwanni Grixti, "nies prudenti u kapaċi biżżejjed għal dan l-uffiċċju", bl-implikazzjoni li t-tnejn ta' qabel ma kinux!

**Konklużjoni**

Minn dak li joħroġ mill-analiżi ta' dawn id-dokumenti jien nasal għall-konklużjoni li nqala' xi diżgwid fuq livell personali bejn Bartolo u Barbara *wara l-festa tal-1913* u kien għalhekk li Bartolo pprova juża l-Fratellanza bħala arma kontra l-Kappillan bl-iskuża ta' xi ħaġa li ġrat aktar minn sena qabel u li, milli jidher, ħadd ma ta wisq kasha għal xhur sħaħ. Li kieku l-kwistjoni kienet biss il-ħlas tal-festa tal-1912 u l-quddies tal-mejtin, żgur li ma kienx se jħalli li tgħaddi aktar minn sena u festa oħra biex jindirizza l-kwistjoni quddiem l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Lil Barbara din il-ħaġa niktitu għaliex il-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet taf kollox, sa l-eżistenza stess tagħha, lilu għax kien hu li ħoloqha, li ħadem biex kibret u li għammarha b'armar mill-ifjen. Dak li pprova jagħmel Bartolo kien li jdawwar lill-bint kontra missierha. Hija tassew ħasra li ma għandniex ħjiel ta' x'kienet ir-reazzjoni tal-membri l-oħra u tal-poplu ta' Ħal Kirkop in ġenerali quddiem din iċ-ċirkustanza. Ir-riżenja ta' Bartolo minn Prokuratur xahar wara l-ġudizzju tal-Kurja wisq probabbli kien konsegwenza ta' hekk, imma erba' snin wara sar President tal-Każin ta' San Ġużepp, għalhekk ma jidhirx li l-partit dar kontrih, għalkemm tajjeb infakkru li minn dak li joħroġ mid-dokumenti l-festa esterna kienet ir-responsabbiltà tal-Fratellanza wkoll u jidher li l-Każin ma kellu l-ebda sehem attiv. Jien nemmen li din il-ġrajja baqgħet mistura sa minn dak iż-żmien u li l-poplu baqa' ma jaf xejn dwarha; Bartolo rriżenja minn Prokuratur bla storbju, għamel erba' snin jgħix fil-kwiet, u mbagħad kompla ħidmietu favur il-festa ta' San Ġużepp bħala President tal-Każin, fejn, fost affarijiet oħra, ġab l-ewwel liċenzja tan-nar magħrufa f'Ħal Kirkop. Minn dak li jgħidu n-nies fuq Maria, bint Spiridione li baqgħet xebba u tgħix f'Ħal Kirkop, minkejja dan il-ġlied mal-Kappillan, il-festa ta' San Ġużepp xorta baqgħet għal qalbha għax jingħad li fil-festa kienet tkun fil-parapett liebsa bid-deheb tal-okkażjoni.[54]


187.

— Consulta Generale —

Oggi, 9. Ag. 08, ha avuto luogo la solita Consulta Generale dei Confratelli di S. Gius. per l'elezione del nuovo Rettore ed altro. Giusta le formalità menzionate negli Statuti rispettivi e regolamenti, hanno eletto qual Rettore della loro Confraternita Carmelo Polidano.

Inoltre, siccome il Procuratore Giuseppe Cassar ha fatto la sua dimissione dalla Procura, perciò sono stati scelti e nominati a pieni voti i Confratelli Spiridione Bartolo e Carmelo Falzon per fungere l'ufficio di Procuratori della sud.ta Confraternita.

*Estratt mil-Libro di Consulte tal-Fratellanza ta' San Ġużepp li juri l-minuti tal-Konsulta Ġenerali li nżammet fid-9 t'Awwissu 1908, u li fiha nħatru bħala Prokuraturi tal-Fratellanza Spiridione Bartolo u Carmelo Falzon, wara r-riżenja ta' Giuseppe Cassar.*

Sfortunatament, dak li għadda minnu Barbara matul din is-sena, hija storja li spiss tirrepeti ruħha, fejn benefatturi kbar ta' xi għaqda jispiċċaw imwarrba minn mexxejja ġodda tal-istess għaqda, spiss għal raġunijiet ta' gwadann personali tagħhom. Hija ħasra li l-bniedem qisu ma jitgħallimx mill-iżbalji li saru fl-imgħoddi. Il-punt pożittiv li joħroġ minn dak li seħħ fl-1913 huwa li lilna li qed ngħixu seklu wara jipprovdina informazzjoni ġdida li tgħinna nimlew ftit aktar xi twieqi vojta li hemm fl-istorja ta' Ħal Kirkop u niesu.

### Referenzi


[1] Ara: Jonathan Farrugia, "Ħarsa lejn l-ewwel Statut tal-Fratellanza ta' San Ġużepp imwaqqfa fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2011), 52-58; Id. "Id-dokumenti marbuta mal-inkjesta fuq il-kappillan Barbara tal-1891" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2023), 121-128.

[2] Ara: Angelo Schembri, "Il-Kappillan Barbara: ħajtu minn fomm in-nies" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2013), 138-141; Id. "Għelt il-Koppin fil-bidu tas-Seklu Għoxrin" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2014), 85-91; Id. "Għelt il-Koppin fil-bidu tas-Seklu Għoxrin (It-Tieni Parti)" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2015), 81-85; Id. "Il-Festa ta' San Ġużepp fi tmiem is-Seklu Dsatax minn lenti ġurnalistika" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2016), 122-127; Id. "Għelt il-Koppin fil-bidu tas-Seklu Għoxrin (It-Tielet Parti)" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2018), 177-184.

[3] Ara: Simon Mercieca, "Kif bdiet il-pika bejn San Ġużepp u San Anard f'Ħal Kirkop" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2016), 33-39

[4] Ara Charles Farrugia, "Il-Każi tal-bombi mad-dar tal-Kappillan Barbara u s-Sagristan ta' Ħal Kirkop fl-1919. Minn storja orali għal dik dokumentata" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2015), 57-62; Id. "Il-Bombi bħala mezz ta' tbeżżigħ u kontroll soċjali f'Ħal Kirkop tal-bidu tas-Seklu Għoxrin" *Programm tal-Festa ta' San Ġużepp* (Ħal Kirkop: Soċjetà Mużikali San Ġużepp, 2023), 139-143.

[5] Arkivju Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ (APŻ), *Liber Baptizarum* vol. 13, f.68r. Ħajr lill-Arċipriet Dun Albert Buhagiar.

[6] APŻ, *Status animarum de gentium in hac Civ. Rohan descriptus. Anno Domini 1889*. Dan kien l-ewwel *Status animarum* disponibbli wara s-sena li fiha twieled Spiridione (1869). Fl-1889, jiġifieri meta Spiridione kellu 20 sena, f'Ħaż-Żebbuġ kollu kien hemm biss żewġ familji kunjomhom Bartolo. Waħda minn dawn iż-żewġ residenzi hija taħt l-isem ta' Maria, armla ta' Ġwanni, u nemmen li din hija l-familja ta' Spiridione. Però sa dak iż-żmien ma' Maria kien jgħix biss ġuvni wieħed, Ġwanni ta' 23 sena. Spiridione, dejjem jekk din hija l-familja tiegħu, kien ġa telaq mid-dar. Mistoqsija oħra tqum mil-laqam. F'Ħal Kirkop Spiridione kien magħruf bħala "tal-Kortiġġjan" jew "tal-Bombli", imma l-laqam ta' din il-familja f'Ħaż-Żebbuġ huwa "ta' Marżebbu"; jista' jkun li "tal-Kortiġġjan" kien il-laqam tal-familja ta' missier Spiridione, u hawn tniżżel il-laqam tal-familja ta' ommu peress li r-raġel kien miet.

[7] Ara l-kunjom "Bartolo" fis-sit maltagenealogy.com. Ħajr lis-Sur Simon Attard.

[8] Fil-ftit ġranet li kien Malta, Napuljun stieden lin-nobbli Maltin kollha biex jiltaqa' magħhom u qalilhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati li juru n-nisel nobbli tagħhom; meta nġabru, issekwestralhom iċ-ċertifikati u qeridhom kollha.

[9] Ara n-nota (15) dwar il-magħmudija ta' Abram, iben Spiridione.

[10] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba (APM), *Liber Baptizarum* vol. 6, p. 218.

[11] APM, *Liber Matrimoniarum* vol. 5, p157.

[12] Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (APK), *Liber Baptizarum*, vol. 3 (1840-1907), f. 234v. Id-data tat-twelid tiegħu li dehret s'issa kienet żbaljata, għax iġġib il-ġurnata tal-magħmudija flok tat-twelid. Ingħata l-ismijiet Felix, Joseph, Michelangelus, u l-parrini kienu Karmenu u Maria Polidano minn Ħal Kirkop.

[13] APK, *Op. cit.*, f. 249r. Ingħata l-ismijiet Joseph, Michael, Felix, Benedictus, u l-parrini kienu l-aħwa Ġużeppi u Filumena Ellul mill-Imqabba.

[14] APK, *Op. cit.*, f. 266v. Ingħatat l-ismijiet Maria, Josepha, Francisca, Anacleta u l-parrini kienu l-aħwa Ġużeppi u Maria Grima minn Ħal Kirkop. Huwa magħruf li Marija baqgħet xebba.

[15] APK, *Op. cit.*, f. 283r. Ingħata l-ismijiet Abraham, Joseph, Marius, Angelus u l-parrini kienu l-aħwa Karmenu u Anġla Bartolo, li mill-isem tal-ġenituri tagħhom (Ġwanni u Maria Sant) jidher li kienu ħut Spiridione. Skont dan ir-reġistru dawn kienu minn Ħal Kirkop, jiġifieri din hija prova li Spiridione ma kienx l-uniku wieħed li telaq minn Ħaż-Żebbuġ u mar jgħix Ħal Kirkop.

[16] APK, *Op. cit.*, f. 298v. Ingħata l-ismijiet Isaac, Michael, Joseph, Andreas u l-parrini kienu Franġisk Saverju u Roża Ellul minn Ħal Kirkop. M'hemmx notamenti dwar jekk iżżewwiġx.

[17] APK, *Op. cit.*, f. 313r. Ingħatat l-ismijiet Jael, Josepha, Carmela,

Antonia u l-parrini kienu Ġużeppi u Marija Anna Ellul minn Ħal Kirkop. M'hemmx notamenti dwar jekk iżżewġitx.

[18] APK, *Op. cit.*, f. 328v. Ingħata l-ismijiet Leonardus, Michael, Joseph, Antonius u l-parrini kienu Ġwanni Grixti u Karmena Bartolo minn Ħal Kirkop. M'hemmx notamenti dwar jekk iżżewwiġx.

[19] Ara l-artikli ta' Schembri, *op. cit*.

[20] Għal dawn id-dettalji ara l-artikli "Għelt il-Koppin fil-bidu tas-Seklu Għoxrin" miktuba fi tliet partijiet minn Angelo Schembri.

[21] Informazzjoni tas-Sur Pawlu Azzopardi mgħoddija lis-Sur Angelo Schembri.

[22] Informazzjoni tas-Sur Pawlu Azzopardi mgħoddija lis-Sur Angelo Schembri.

[23] Informazzjoni mgħoddija min-neputija ta' Feliċ, is-Sinjura Josette Attard Hussey, illum residenta fl-Awstralja.

[24] Id-dati tal-imwiet ta' ulied Spiridione ttieħdu mill-arblu tar-razza ġentilment mgħoddi mis-Sinjura Josette Attard Hussey.

[25] Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Angelo Schembri.

[26] APK, *Liber Defunctorum*, vol. 6, p. 140.

[27] Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Angelo Schembri.

[28] Fir-reġistru tal-magħmudija ta' Abram, il-kappillan tal-1960 kiteb ħalla notifika b'isem martu mniżżel bħala Maria Stroble, imma jista' jkun li dan huwa żball.

[29] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 406r.

[30] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 409r-410r.

[31] Flok "dorati" Bartolo u Falzon jgħidu "argentati con oro"; din tista' tkun xhieda li ma kinux jafu sewwasew it-terminoloġija teknika għal dawn l-oġġetti; dan jidher minn xi termini oħra li jidhru fil-lista.

[32] Nimmaġina li dan jirreferi għar-relikwarju li jista' jissejjaħ ukoll "ostensorju", li jfisser oġġett li jintuża biex jesponi (bil-Latin *ostendere*) xi ħaġa.

[33] Hawn naħseb li l-Prokuraturi ħadu żball u rripetew oġġett li ġa ssemma ftit qabel; il-kanupew jintuża biss fejn hemm it-tabernaklu u fil-knisja ta' Ħal Kirkop hemm tabernaklu wieħed biss; ma jagħmilx sens li l-Fratellanza jkollha żewġ kanupewijiet irrakmati. Fl-inventarju li ppubblikajt sena ilu jissemma wieħed biss (ara Farrugia, (2023),126), kif ukoll fir-risposta li jibgħat Barbara (ara nota 40).

[34] Hawn ukoll nemmen li hawn żball, għaliex fuq altar jistgħu jitpoġġew sa żewġ pari karti-gloria. Fl-inventarju tal-1891 jissemmew biss żewġ pari, u Barbara, fir-risposta tiegħu, jsemmi biss erba' pari (ara nota 39).

[35] It-terminu li juża Bartolo huwa "sammitiglia".

[36] Dawn kienu bokkini ta' xemgħat li kienu jitwaħħlu mal-bradella bejn il-fjuretti tal-istatwa.

[37] Dan ir-rikors għandu żewġ dati ta' preżentazzjoni. Jista' jkun li l-ewwel waħda tirreferi għal meta ddaħħal (fl-istess ġurnata bħar-rikors l-ieħor) u t-tieni waħda meta ġie diskuss.

[38] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 408r-408v.

[39] Għalkemm l-ordni kien indirizzat lil Giovanni Camilleri, in-nota tal-konferma li l-messaġġ kien twassal hija ffirmata minn Karmenu Bonello.

[40] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 407r-407v.

[41] Il-punti esklamattivi u, aktar 'l isfel, interrogattivi doppji huma kif jidhru fil-kitba ta' Barbara.

[42] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 415r-416v.

[43] Dawn kienu l-festi kollha ħlief dawk ta' San Leonardu u ta' San Ġużepp, jiġifieri tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Corpus Christi eċċ

[44] Iċ-ċirkustanzi ordinarji nimmaġina li kienu l-purċissjonijiet devozzjoni (mhux tal-festi) li kienu jsiru kull xahar, il-vjatku u l-akkumpanjament tal-membri mejtin.

[45] Hawn jissemmew tmien karti-glorja, jiġifieri erba' pari biss, mhux tmien pari li semmew Bartolo u Falzon.

[46] Hawn jissemma kanupew wieħed irrakkmat, mhux tnejn bħalma qalu Bartolo u Falzon.

[47] It-test oriġinali fih tliet sinjali interrogattivi, sinjal tar-rabja li kellu Barbara fil-konfront ta' dan kollu.

[48] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, f. 406v.

[49] AAM, *Suppliche* vol. 184 (1913/III), no. 321, ff. 410r.

[50] Milli nistgħu nifhmu d-deċiżjonijiet kienu jittieħdu minn xi ħadd imqabbad mill-Isqof u mbagħad l-Isqof jew il-vigarju tiegħu japprovhom u jiffirmhom. Hawn jidher li ntbagħat kollox għand iċ-Ċensur Teologu.

[51] Każ kemmxejn magħruf u li jnissel tbissima huwa l-kitba mill-1836 tal-kappillan tal-Imqabba Dun Tumas Agius Caruana li tgħid li n-nies mill-irħula tal-madwar kienu jmorru l-Imqabba għall-festa ta' Santa Marija biex jirridikolaw il-manikkin li kienu jużaw bħala vara, u li l-istess nies marru għall-inawgurazzjoni tal-vara mill-isbaħ ta' Xandru Farrugia fiż-Żejtun fl-14 ta' Awwissu 1836, faħħru l-ġmiel tagħha u akkumpanjawha sal-Imqabba (Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notizie appartenenti a cotesta Santa Parrocchiale Chiesa della terra Micabiba,* "Ad futuram rei memoriam", ff. 21r-22v.).

[52] Skont informazzjoni tas-Sur Angelo Schembri ħafna mill-oġġetti tal-ħġieġ li jissemmew fil-lista kienu spiċċaw għand Maria Bartolo, bint Spiridione, li mbagħad ħalliethom fit-testment, mal-bqija ta' ġidha, lil Dun Pawl Pace, arċipriet taż-Żurrieq, u ħadd ma reġa' rahom.

[53] AAM, *Suppliche* 185 (1914/I), f. 205r.

[54] Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Angelo Schembri.

*O San Ġużepp, li l-protezzjoni tiegħek hija tant kbira,*
*daqshekk qawwija, tant attenta, quddiem it-tron t'Alla,*
*nafda lilek l-interessi kollha u x-xewqat tiegħi,*
*akkwista għalina mingħand Ibnek divin il-barkiet spiritwali,*
*kollha permezz ta' Ġesù Kristu.*